VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,023, 29 ta' Jannar, 2013
Taqsima B

A.L. 48 tal-2013

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2013 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Spirituality taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teoloġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tat-Teoloġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2013 biex jemendawl-Ordinamentital-2008skondir-RegolamentiĠeneraligħar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2008 għall-grad ta' Master of Arts in Spirituality u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2008 għall-Grad ta' Master of Arts in Spirituality taħt il-patroċinju tal- Fakultà tat-Teoloġija, ippubblikati bħala Avviż Legali 294 tal-2008, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2013 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

4. (1) Il-Kors huwa miftuħ għall-applikanti li għandhom:

(a) grad ta' Bachelor fi kwalunkwe qasam ta' studju miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija II; jew

(b) grad ta' Bachelor miksub fit-Tielet Klassi bl-Unuri, jekk huma jkunu kisbu wkoll kwalifiki oħra wara l-għotja tal-grad tal-ewwel ċiklu tagħhom.

(2) F'każijiet eċċezzjonali l-Bord tad-Dħul, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, jista' jħalli jidħlu fil-Kors applikanti li m'għandhomx grad ta' Bachelor, sakemm li l-Bord ikun sodisfatt li dawn l-applikanti għandhom kwalifiki akkademiċi jew professjonali oħra u esperjenza li flimkien ikunu meqjusa komparabbli għall-livell tal-ewwel grad."